MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 44/2013

Carmelo Galea

Vs

Amabile Zammit

It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat mill-attur fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn, mija u disgha u tletin Ewro (€2,139) dovuti lir-rikorrenti bhala hlas ta' xoghol ta' privates li huwa ghamel fuq inkarigu tal-konvenut, u liema ammont jirrizulta mill-inovices annessi mal-avviz tat-talba. Dan bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datat is-26 ta' April, 2013, tal-ittra ufficjali numru 114/2013, bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra' d-digriet tieghu tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), li permezz tieghu din il-kawza giet appuntata ghas-smiegh nhar l-ghoxrin (20) ta' Novembru

tas-sena elfejn u tlettax (2013), u fejn il-konvenut gie ordnat jipprezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi.

Ra' r-risposta tal-konvenut ipprezentata minnu fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' sena u dana a tenur tal-artikolu 2147 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u li minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u di fatti jirrizulta illi huwa l-attur stess illi huwa debitur fil-konfront tal-esponenti fl-ammont ta' elfejn u tlieta u hamsin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€2, 053.87). Dan salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra' s-sentenza tieghu tat-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u ra' t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra' l-atti kollha tal-kawza.

Ra' d-digrieti tieghu tat-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) u tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju li permezz taghhom din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi wara li giet deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dan it-Tribunal jghaddi biex jippronunzja l-mertu.

Dan it-Tribunal jidirlhu illi mid-dokumenti esebiti minn fol 5 sa 12 u dawk esebiti a fol 28 ta' l-inkartament processwali t-talba tieghu tirrizulta pruvata. L-anqas jirrizulta illi l-konvenut qed jikkontesta l-ammont innifsu, pero qed jghid li dan ghandu jigi pacut ma ammont li huwa dovut lilu.

Min naha l-ohra l-attur ukoll jghid illi ghandu jaghti xi ammonti lil konvenut pero jinsisti illi dan ta' l-ahhar qatt ma tah kont.

F'din il-kawza, precizament fir-risposta tieghu l-konvenut jghid illi ghandu jiehu €2053.87, minn ghand l-attur. Mitlub jesebixxi prospett l-konvenut wara z-zmien prezenta prospett a fol 74 tal-process fejn irreklama is-somma ta' € 3824.83. Minhabba li dan l-ammont kien superjuri ghal dak li gie dikjarat fir-risposta u minhabba li dan it-Tribunal ma hassux konvint mill-prospett esebit, issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u ta' l-opportunita lil konvenut sabiex igib dokumentazzjoni in sostenn tal-prospett tieghu, izda b'nota esebita nhar id-9 ta' Gunju 2015 l-konvenut iddikjara li ma fadullux dokumentazzjoni u huwa baza l-prospett fuq notamenti personali. Dawn in-notamenti ma gewx esebiti.

It-Tribunal josserva wkoll il-pagamenti li saru permezz ta' zewgt cekkijiet mahruga mill-konvenut u li ma gewx onorati mill-bank li fuqu inhargu.

L-artikolu 1196 tal-Kodici Civili jistabilixxi li meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija ipso iure. Din it-tpacija ssir anke minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs. L-artikolu 1197 ta' l-istess Kodici jistabilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkolhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.

It-tpacija hija forma ta' pagament, tant li hi wahda mill-metodi kontemplati mil-ligi ghal estinzjoni ta' l-obbligazzjoni, u bhala tali trid tigi ppruvata min min jallegha. It-tpacija, biex topera ipso jure, trid tirreferi ghal dejn li hu likwidu u esigibbli, u ma tistax topera jekk dak id-dejn ma jkunx ammess mill-parti l-ohra. It-tpacija legali ma tistax issehh jekk id-djun ma jkunux it-tnejn likwidi u certi. **(C. Fino & Sons Limited Vs Polidano Bros Limited Prim Awla:- 14/10/2004**)

Hu maghruf li t-tpacija biex topera, anke ipso jure, tehtieg li d-debitu allegat mill-kontro-parti jkun wiehed likwidu, cert u dovut u semplici pretensjoni ma tistax itellef id-dritt tal-parti l-ohra li tesigi l-hlas ta' dak dovut lilha u tikkawtela l-pretensjoni taghha bil-mezzi li titlob il-ligi. **(Tonna Reno Vs Hydrodynamics Limited PA 14/11/2002)**

Ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta z-zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli. U ghalkemm il-likwidita ta' zewg krediti m'hix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u

ma tistax issir malajr. Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunali (**Mifsud Felix Noe Vs Camilleri Fava Joseph** Noe PA 31/01/2002).

F’dan il-kaz dan it-Tribunal ma huwiex konvint mill-pretensjoni tal-konvenut kif dedotta quddiemu; jidher illi din ghad trid tigi puvata, accertata u likwidata. Il-konvenut l-anqas ghamel kontro talba ghal din il-pretensjoni tieghu.

Ghaldaqstant minghajr pregudizzju ghal kull ammont li jista jkun dovut lil konvenut u minghajr pregudizzju ghal kull talba li dan jista jhoss li ghandu jaghmel l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni mhux ser tigi milqugha.

Dan ihalli wehidha t-talba attici li kif gia osserva dan it-Tribunal tinsab sodisfacentament pruvata (anke bl-eccezzjoni tal-kompensazzjoni innifisha li per se timporta l-ammissjoni tal-pretensjoni attrici).

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbet attrici jirrigetta l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundanna lil istess konvenut ihallas lil attur is-somma ta’ elfejn, mija u disgha u tletin ewro (€ 2139). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz il-Quddiem. L-ispejjes kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------